MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 797/2014

**Alfred Zarb**
**ID. 674444(M)**

**Vs**

**Jolly Bay Hotel Operations Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Dicembru, 2014 fejn l-attur talab illi r-rikorrent kien imjegat tas-Socjeta' intimata fil-Primera Hotel, Bugibba u minhabba 'overbooking' fl-istess lukanda Primera Hotel mhux attribwibbli lilu, fl-14 ta' Awwissu, 2011, ir-rikorrenti kellu jsib akkomodazzjoni alternattiva ghal xi klijenti tal-lukanda illi, stante tali overbooking ma kellhomx akkommodazzjoni. Illi kwindi, ir-rikorrent, wara diversi telefonati u tentattivi, sab akkomodazzjoni fil-Lukanda Grand Hotel Excelsior tal-Floriana u meta l-lukana Primera Hotel setghet takkomoda lill-klijenti msmemija, ir-rikorrent, minhabba cirkostanzi illi sejrin jigu pruvati fil-kors tal-kawza, kellu jhallas huwa l-ammont dovut u reklamat permezz tal-prezenti. Ir-

rikorrent interpella lis-socjeta' intimata thallas l-ammont reklamat izda din baqghet inadempjanti.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jordna u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' elf tliet mija u sittax-il ewro (€1,613) flimkien ma` imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv u spejjez kollha.

Is-socjeta' konvenuta pprezentat risposta fil-21 ta' Jannar, 2015 fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament, it-talbiet tal-attur huma preskritti a tenur tal-artikoli 2147 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet u l-pretensjonijiet tal-attur fil-konfront tas-socjeta' konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt:

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Xehed l-attur li spjega illi huwa jahdem bhala receptionistmal-kumpanija konvenuta. Fil-lejl tal-14 ta' Awissu, 2011 waqt li kien xoghol dahlu turisti li minkejja li l-hotel tas-socjeta' konvenuta kienet fully booked, dawn kellhom dokumenti x'juru li kellhom booking. f'dan l-istadju hu kellu jara x'jista' jaghmel. Spjega kif beda jcempel lil Manager tieghu izda lil dan ma setax jaqbdu. Spjega illi huma ghandhom ktieb b'lista ta' hotels ohra li jekk tinqala eventwalita bhal din ghandu jcempel lilhom biex jissistema lit-turisti tieghu. L-attur spjega illi l-ebda lukanda minn dawn ma kellha post. Il-perjodu kien dak ta' Santa Marija. F'dan l-istadju spicca kellu jcempel l-Excelsior fejn ta' lejl hallas ta' elf tliet mija u sittax-il ewro (€1,613). Wara li nforma lis-supervisor tieghu dawn irrifjutaw li jhallsu dan l-ammont u tawh biss tletin ewro (€30).

Is-socjeta' konvenuta qalet illi l-attur kien missu zamm mal-ktieb bil-lista tal-Hotels. Qalet ukoll ili ma kienx imissu 'bbukja hotel tant gholja.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attur thalla wahdu f'sitwazzjoni li kienet ikbar minn dak mistenni minn receptionist. Ma sab ghajnunha minghand hadd ghax lanqas

lil Manager ma beda jaqbad. F'sitwazzjoni bhal din it-Tribunal ihoss illi l-attur ghamel dak li seta' jaghmel u l-kumpanija konvenuta kien imissha tatu backing. Dan peress illi t-tort ta' dak l-overbooking certament ma kienx tar-receptionist.

Fir-rigward tal-preskrizzjoni din ma tapplikax peress illi r-relazzjoni ma kinitx wahda bejn hotel keeper u klijent izda transazzjoni bejn haddiem u minn ihaddem. Ghalhekk din l-azzjoni mhux preskritta u t-Tribunal qed jichad din l-eccezzjoni.

Ghal dan il-motiv it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' it-talba attrici ta' ta' elf tliet mija u sittax-il ewro (€1,613) pero minnha jnaqqas t-tletin ewro (€30) li diga thallas u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' elf mitejn u sitta u tmenin (€1,286) lil attur. Bl-imghax legali mid-data tal 15 ta' Awissu, 2011 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------